**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Rue D'Argens Gżira
Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt

# Rapport Amministrattiv Annwali

Jannar sa Diċembru 2019

Werrej

1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   a. *Daħla*

   b. *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena minn Jannar sa Dicembru 2018*

   c. *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   d. *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   e. *Għeluq*

# Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena minn Jannar 2019 sa Diċembru 2019

Speech-Sindku

Conrad Borg Manche

Sindku

## 2. *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA minn Jannar sa Diċembru 2019.*

### a. DAĦLA

Fis-sena 2019 il-Kunsill Lokali tal-Gżira kien impenjat fuq ħafna aspetti li kienu, u għadhom, importanti ħafna għar-residenti gżirjani. Il-Kunsill mexxa fuq affarijiet illi bdew ukoll fis-snin ta' qabel. Il-Kunsill mexxa bl-aħjar mod f'isem il-lokalita, izda hemm bzonn l-impenn u r-rispett tar-residenti u dawk illi jaħdmu fil-lokalita biex inkunu nistgħu ngawdu l-frott tal-ħidma tagħna.

Komplew il-bankini madwar il-lokalita waqt illi l-Kunsill baqa jiggieled ghad-drittijiet tar-residenti.

Il-problemi fil-lokalita baqaw l-istess. Avolja għandna area ta' 1sqr. Km biss, hemm popolazzjoni għolja ħafna u b'hekk il-problema tal-iskart tikber. Waqt illi ma nieqfux nitolbu lir-residenti biex jikkooperaw magħna, u l-maġġoranza hekk jagħmlu. Numru ta' ilmenti li jaslu għandna jkunu minħabba l-iskart izda meta jsiru l-inspections naraw illi jkun hemm dawn il-problemi minħabba:

- Boroż miftuħin
- Nies iħammġu wara li jagħdi l-kennies
- Ir-riħ
- L-iskart taħt il-karozzi

- L-iskart illi jkun ġej minn siti ta' kostruzzjoni.

Bħal ma jaf il-kuntrattur tagħna, dan ma jfissirx illi m'hemmx fejn intejbu s-servizz.

Rigward tabelli u sinjali, saru sleeping police ghas-sigurta tan-nies, waqt illi saru diversi toroq {line markings} tul is-sena.

Rigward il-bankijiet tax-Xatt, fil-bidu tas-sena sari l-manutenzjoni tal-area flimkien mall-MTA.

Niċċa: Tlestiet fix-xahar ta' Mejju.

Kunsill: Lestejna l-progett tal-bini tal-Kunsill.

Tlestiet ix-xoghol ġewwa Gżira road. Hawnhekk bqajna niġġieldu kontra min bena t-torri peress illi ma ħarġux sold għar-renovazzjoni tat-triq. It-triq saret minn naħa ta' Infrastructure Malta wara li tkellimna magħhom u bqajna ninsistu li ssir ix-xogħol, waqt illi aħna ħadna ħsieb il-bankini.

Rigward il-ġnien, waqqafna l-pjanijiet tagħna peress illi issa se naħdmu id f'id ma' min se jieħu ħsieb il-marina. Public Consultation se ssir fis-sena 2020.

Grazzi ghall insistenza tal-Kunsill, kien hemm access ghal Manoel Island fejn fis-sajf kien hemm anka trasport b'xejn lil dawk li riedu jghumu

## b. Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena Jannar sa Diċembru 2019

Il-Kunsill jirċievi ammont ta' ilmenti u suġġerimenti kuljum. Dawn jaslu via email, WhatsApp, telefonati, face to face u ċerti ġranet dawn jaslu għandna 24/7. Il-maġġoranza ta' dawn l-ilmenti huma fuq:

- Ksur ta' liġi ta' kuntratturi
- L-ammont ta' boroz/ħmieġ illi hemm fit-toroq

- Nuqqas ta' dawl
- L-ammont ta' trabb fit-toroq
- Problemi ta' parking
- Problemi ta' traffiku

Matul is-sena saru ammont ta' rapporti lil:

- Wardens
- Pulizija
- Transport Malta
- ALE
- BRO
- Planning Authority
- Eċċ

Sfortunatament għandna ngħidu li m'hemmx l-ammont ta' nies illi nħossu li hemm bzonn biex isir l-infurzar illi hemm bzonn fil-lokalita. Nagħmlu li nagħmlu biex naraw illi nwasslu l-ilmenti kollha li jaslu għandna u bdejna naħdmu ma ċerti entitajiet issa biex jittieħed azzjoni wara li nibagħtu provi talli kisru l-liġi.

Il-Kunsill se jibqa jiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini, avolja qed isiru dawn l-abbużi kollha madwarna li jiġu rraportati ta' spiss.

Saru bosta attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi matul is-sena:

- Handcrafts
- Attivita għall-anzjani
- Quddiesa, bibita u 'talk' għall-anzjani
- Gzira Day
- Summer Nights
- Universal Childrens Day
- Kors: Life Long Learning u tal-kompjuter
- Servizz tal-librerija
- Christmas gathering

## c. Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.

Il-Kunsill mexa b'mod responsabbli fejn jidħol l-infieq avolja minnhabba progetti bhal dawk tal-bankini, in-nicca, u xogholijiet u upgrade fil-

Kunsill kien hemm infieq pjutost qawwi. Ghad baqa progetti fejn hemm bzonn il-flejjes biex isir triq Manoel de Vilhena, kif ukoll proġetti oħrajn, u xogħolijiet ta’ manutenzjoni li hemm bzonn fil-lokalita.

Sfortunatament lejn l-aħħar tas-sena ta’ 2018 l-Planning Authority kienu ħadu deċiżjoni biex jieħdu ammont kbir ta’ flus illi kellna fl-iskema tal-UIF biex isir proġett ġewwa l-Universita. Dawn il-fondi kienu importanti għalina biex inkomplu l-pjanijiet tagħna izda se nkomplu nippjanaw biex nutilizzaw fondi tagħna biex isiru.

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Fl-lezzjoni ta’ Mejju 2019, ghall-ewwel darba fl-istorja tal-Kunsill tal-Gzira kien hemm 9 kunsilliera.

Bħala staff tal-Kunsill, il-Kunsill baqa jaħdem b’tlett impjegati klerikali. Is-Segretarju Ezekuttiv telaq lejn l-ahhar tas-sajf u ma kienx hemm replacement sal-ahhar tas-sena.

Matul il-perjodu 1 ta’ Jannar 2019 sal-31 ta’ Diċembru 2019, issejħu ammont ta’ laqgħat, kull 4 jew 5 ġimgħat, tal-Kunsill fejn ġew diskussi diversi affarijiet.

Ma kien hemm l-ebda kaz fejn il-kunsilliera kienu assenti mingħajr apoloġija. Fil-każ tal-kunsilliera li kienu asstenti, dawn kienu assenti b’apoloġija minħabba raġunijiet ta’ mard, appuntamenti l-isptar jew korsijiet tal-universita.

Bħala membri tal-istaff, l-impjegati kienu l-istess bħal tas-sena preċedenti: Principle Assistant Officer [Skala 10], Executive Officer [Skala 13], Clerk [Skala 15]. Il-Kunsill issa għandu 2 membri tal-istaff bħala Front Desk Officers, membru bħala backroom support illi jgħin fejn jidħlu ‘policies’ u infrasttrutura tal-I.T. Ghad m’hemmx Segretarju Ezekuttiv u sfortunatament ma kien hemm l0ebda interess fis-sejhiet ghall-istaff jew ghal post is-Segretarju Ezekuttiv

Fejn jidħlu ħaddiema tas-CWS il-Kunsill għandu 3 ħaddiema fuq barra u wieħed fil-back office.

.

## e. Għeluq

Il-Kunsill ikompli jaħseb fuq ir-residenti u nistiednu lir-residenti kollha jiġu bis-suġġerimenti/ilmenti biex intejbu x-xogħol tagħna. Se nkomplu

naħsbu fuq proġetti/attivitajiet/deċiżjonijiet li se jħallu impatt pożittiv fil-lokalita. Dan meta qegħdin ngħixu f'żmien diffiċli għal lokalita tagħna minħabba l-kostruzzjoni li għaddej u minħabba d-diffikultajiet soċjali li jeżistu fil-lokalita.

.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Anthony Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv